MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 656/2009

**Merlin International Limited**

**vs**

**Anthony Bianchi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li ppremettiet illi previa dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’, il-konvenut ghandu jigi kkundannat ghall-hlas tas-somma ta’ elf, mitjen u hames Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,205.92), rapprezentanti bilanc min somma ikbar dovuta lis-socjeta’ attrici ghall-servizz ta’ kiri ta’ karozzi, liema ammont baqa’ ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjes u l-imghax legai mill-20 ta’ Dicembru sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dan l-att,

Ra n-nota ta’ ammissjoni da parti tal-konvenut ghat-talbiet attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Il-konvenut permezz tan-nota ta’ ammissjoni tieghu jammetti li huwa debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma tas-somma ta’ elf, mitjen u hames Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,205.92), rapprezentanti bilanc minn somma ikbar dovuta lis-socjeta’ attrici ghall-servizz ta’ kiri ta’ karozzi.

Illi l-istess konvenut jikkonferma ghalhekk li kien ghadu m’ghamel l-ebda pagament.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------